**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Spiteri]**
**[Spettur Chantelle Casha]**

**vs**

**Leonard Cutajar**

**Kumpilazzjoni Numru: 742/2015**

**Illum, 16 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Leonard Cutajar detentur tal-karta tal-identita` numru 557278M akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, fis-snin ta' qabel is-27 ta' Awissu 2015, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u

li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr awtorizzazzjoni:

1) a. Uza computer jew xi taghmir jew apparat iehor biex jidhol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg li jinzammu f'dak il-computer jew f'xi computer iehor, jew uza, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg bhal dawk;

b. Ghamel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-computer li jkunu qeghdin jinzammu fih, sew billi dawn jittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun;

c. Ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom;

d. Uza l-kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'computer jew b'xi mod kiser kwalunkwe mizura ta' sigurta` sabiex akkwista access minghajr awtorizzazzjoni ghas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;

2) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' Awissu 2015, iddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat sar.

3) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fis-snin ta' qabel is-27 ta' Awissu 2015, bil-hsieb li jesorca flus jew xi hag'ohra, jew li jaghmel qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil, dik il-persuna jew persuna ohra, u dan f'cirkostanzi aggravanti minhabba illi l-imsemmi wasal fil-hsieb tieghu.

4) U aktar talli l-istess reati hawn fuq imsemmija saru minn Leonard Cutajar, cioe` ufficjal jew impjegat pubbliku.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta` tal-vittma cioe` Caroline Cutajar ID 309175(M).

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a folio 10) datat ghaxra (10) ta' Settembru, tas-sena elfejn u hmistax (2015) fejn ta l-kunsens

tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi dawn il-proceduri jittrattaw it-tehid ta' *chats* mill-*facebook profile* tal-parte civile (Caroline Cutajar) fejn sar ukoll rapport falz fil-konfront taghha mir-ragel taghha u cioe` l-imputat Leonard Cutajar.

Illi xehed l-**Ispettur Roderick Spiteri** li qal li fil-31 ta' Awwissu 2015 l-imputat flimkien ma' ibnu (Julian Cutajar) dahhal rapport li martu Caroline Cutajar kienet baghbset b'mod sesswali lit-tifel taghha Julian Cutajar. Qal li kien hemm certu inkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-imputat. Julian Cutajar gie mitkellem fil-presenza ta' *social worker* fejn fl-opinjoni tal-Ispettur il-kliem li beda juza kienu ta' adult u kienu *rehearsed.* Meta regghu kellmu lil Julian Cutajar dan ammetta li dahhal rapport falz sabiex idahhal lil ommu l-habs halli ma ddejjaqx kemm lilu u kemm lil missieru.

Julian Cutajar qal li kienu ppjanaw din il-haga u li kellhom jibqghu sejrin biha sal-ahhar, jigifieri anke l-Qorti. Wara nigzitu l-kuxjenza u ghalhekk qal il-verita`. Kellmu wkoll lill-imputat li ammetta fl-istqarrija tieghu li r-rapport kien falz.

Inkontroezami l-Ispettur qal li ma rrizultalux ta' min kien il-kompjuter. Jaf li kien tal-mizzewgin Cutajar imma jekk kienx jghajjat lil wiehed jew lill-iehor ma kienx jaf. Huwa qal li l-kompjuter ma ngabarx. Qal ukoll li ma jiftakarx li l-kompjuter kien rigal ghal Julian u li l-parte civile qalet li l-kompjuter kien ghall-uzu tat-tlett itfal. Huwa qal imbaghad li mill-informazzjoni li ghandu l-kompjuter kien accessibbli ghat-tfal u fil-fatt kienu juzawh Caroline Cutajar u t-tfal taghha. Huwa qal ukoll li seta' jkun il-kaz li l-komputjer kien rigal lil Julian. Ix-xhud qal ukoll li waqt l-istqarrija Julian qallu li hu u missieru kienu jaghmlu access mill-kompjuter ghax missieru ma kienx *computer literate* u kienu jigbru *"din l-informazzjoni fejn imbaghad ingabret ukoll bhala print out, u kienet tinzamm f'kexxun tal-missier .. u kien uzaha din l-informazzjoni biex jiehu xi tip ta' vantaggi meta kien hemm is-separazzjoni."* L-Ispettur ikkonferma li l-kuntratt ta'

separazzjoni tal-partijiet sar qabel ir-rapporti li wasslu ghall-proceduri odjerni.

Illi xehed **PS 583 Evan Grech** li qal li l-imputat u ibnu (Julian) irraportaw l-ghassa li fl-10 ta' Frar Julian gie abbuzat minn ommu wara li kien dahal fil-*facebook* taghha. Ix-xhud gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ghamlet ir-rapport. Ix-xhud esebixxa l-okkorrenza (Dok. EG a fol. 34).

Illi xehdet il-parte civile, **Caroline Cutajar**, li qalet li l-imputat kien ir-ragel taghha u llum huma separati. Hija spjegat li l-*print outs* esebiti a fol. 49 et seq. huma *chats* bejnha u ragel iehor. Qalet li kienu jikkomunikaw permezz ta' *chats* fuq *facebook*. Qalet li ghal dawk suppost ikollok *password* u *email* u li suppost taf bihom hija biss. "*Ma kontx naf li xi hadd ihekkjani, biex qabad u pprintja dawk.*" Darba minnhom cemplitilha ommha u qaltilha biex tmur id-dar taghha minnufih. Meta waslet sabet il-messaggi fuq il-medja u hemm skopriet li l-imputat verament kellu l-messaggi taghha f'idejh. Hija qalet li ma tatux dawn il-messaggi u li allura huwa hhakkjalha l-kompjuter. Meta hija marret id-Depot ikkonfermat li dawk il-messaggi huma taghha. Qalet li r-ragel

taghha beda jirrikattaha b'dawn ic-*chats* fejn qalilha li jekk tmur il-Qorti u tehodlu nofs il-garaxx ser jaghti dawn il-messaggi lill-Qorti.

Inkontroezami l-parte civile kkonfermat illi l-kompjuter illi fih kienu jinsabu c-*chats* li gew prezentati fil-kawza kien rigal tal-precett lil Julian. Hija kkonfermat li hija wzat l-istess kompjuter ghal *chatting* minkejja l-kontenut tal-istess *chats*. Hija qalet li biex dahal fil-facebook taghha "*ghafas il-password*."

Hija qalet li m'ghandha l-ebda dubju li kien Julian li kiseb access ghac-*chats* taghha. Hija qablet ukoll li waqt il-proceduri ta' separazzjoni hija kellha assistenza legali.

Xehdet **Chantelle Casha** li pprezentat Dok. CC1 li huwa l-istqarrija ta' Caroline Cutajar, Dok. CC2 li huwa l-ewwel stqarrija ta' Leonard Cutajar fejn baqa' jinnega li ghamel rapport falz, Dok. CC3 li huwa l-istqarrija ta' Julian Cutajar fejn ammetta li hu u missieru kienu vvintaw allegazzjoni fuq ommu u Dok. CC4 li huwa t-tieni stqarrija ta' Leonard Cutajar fejn ammetta li r-rapport li ghamel ma kienx minnu.

Fl-ewwel stqarrija tieghu (Dok. CC2) l-imputat qal li ibnu kien qallu li ommu missitlu gismu waqt li kien it-*toilet*. Qal ukoll li kien ibnu li qallu li l-informazzjoni fuq il-kompjuter kien "*open ghal kollox, just taghmel 'f' u jidhol wahdu.*" Huwa qal li mhuwiex espert tal-kompjuter u kien it-tifel li beda jurih. Qal li mhux kien gabar l-informazzjoni izda t-tifel tieghu. Qal ukoll li kien ibnu li kien jidhol *facebook* ghax hu ma kienx jaf juzah il-kompjuter. L-imputat qal li qatt ma uza dawn ic-*chats* biex jintimida lil martu.

Fit-tieni stqarrija tieghu (Dok. CC4) Leonard Cutajar ammetta li ghamel rapport falz flimkien ma' ibnu.

Illi xehed **Laurence Cauchi**, haddiem socjali ghall-harsien tat-tfal, li pprezenta rapport fil-konfront ta' Julian Cutajar li gie mmarkat bhala Dok. LC a fol. 108. Mill-istess rapport jirrizulta li l-minuri qal li l-abbuz qatt ma sehh u sostna li vvinta din l-istorja biex flimkien ma' missieru juzaw din l-evidenza kontra Caroline Cutajar. Il-minuri stqarr ukoll li huwa kien accessa l-messaggi ta' ommu minn fuq il-facebook taghha minghajr il-kunsens taghha.

Xehdet ukoll **Lucienne Debono** li tahdem gewwa San Vincenz u li qalet li l-imputat kien ilu jahdem gewwa San Vincenz mis-sena 1998 bhala *nursing aid*.

Illi d-difiza pprezentat kopja tas-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Julian Cutajar* moghtija mill-Qorti tal-Minorenni fil-31 ta' Mejju 2017 (a fol. 139) fejn Julian Cutajar, li kien akkuzat talli ddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, gie liberat minn tali akkuza stante li l-istess reat ma setax jirrizulta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel akkuza tittratta l-Artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li gie introdott fil-Kodici Kriminali tramite Att VII tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u emendat bl-Att VII tas-sena elfejn u hmistax (2015).

Dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali kien ibbazat fuq il-Ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter misjuba fil-legislazzjoni tar-Renju Unit

tal-1990 fejn din il-ligi giet introdotta fir-Renju Unit biex timla l-lakuni fil-ligi kriminali ezistenti dak iz-zmien rigward l-uzu hazin ta' sistemi tal-kompjuter. Fil-fatt fir-rapport sostantiv tal-Kummissjoni dwar l-uzu hazin tal-kompjuter gie dikjarat illi:

> *"An increasing degree of interest and disquiet has become apparent in recent years in relation to the implications of, and the possible misuse of, the computerization that plays an ever growing role in public, commercial and indeed private life. In this report we are concerned with one aspect of that public concern: the misuse of computers or computer systems by parties other than those entitled to use or control those computers, either by simply seeking access to the computers or amending the information held in them for what may be a wide range of ulterior motives. Such conduct can be generically described by the title of this report, 'Computer Misuse'.*

Fl-istess rapport gie konkluz li din il-ligi dwar l-Uzu hazin tal-Kompjuter kienet intiza biex timmira ghar-reati ta' *hacking* u

mhux ghall-protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali izda pjuttost ghall-integrita` tas-sistemi tal-kompjuter.

**Matthew Richardson** fil-ktieb tieghu intitolat *Cyber Crime - Law and Practice*[1] jispjega liema huma l-elementi ta' dan ir-reat fir-Renju Unit fejn jghid:

> *"The actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 is substantiated by causing a computer to perform 'any function' in order to secure access to it. In practice, therefore, the actus reus can be substantiated by relatively innocuous acts. . .*
>
> *Given the common sense meaning of section 1(1) of the CMA 1990 read alongside the interpretative provisions in section 17(2)(c) and (3), a simple act such as opening of a file on a computer can substantiate the offence, even if it is not apparent what (if any) data the file may contain.*
>
> *The broad scope of the actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 was illustrated in Ellis v. DPP*

[1] Cyber Crime: Law and Practice – Matthew Richardson; 2014; pg 5

*(No. 1) [2001] EWHC 362 (Admin), in which the appellant appealed by way of case stated three convictions under section 1 for using non-open access computer facilities at a university. As a graduate of the university, the appellant had been authorized to use only the open access computer facilities at the university (such authorization did not extend to the restricted access facilities). The appellant was able to use the non-open access computers by using terminals which had been logged on to the accounts of bona fide authorized users. He admitted using those computers to browse the internet. Whilst the appellant did not make representations at appeal, it is noted in the judgment that the appellant in his police interview equated such use to picking up and reading someone's discarded newspaper. A skeleton argument submitted by the appellant earlier in the proceedings argued that the browsing did not constitute the 'use' of the computers for the purposes of the CMA 1990 as the appellant had browsed already activated sites, i.e. that he had merely pressed the 'back' button on the internet*

*browser. This argument did not find favour with the Administrative Division and the Appeal was dismissed".*

Illi ghalhekk il-mens rea mehtieg ghal dawn it-tipi ta' reati skont il-legislazzjoni Ingliza huwa l-intenzjoni mill-awtur li jaccedi ghall-kompjuter meta ma jkunx awtorizzat. Ghalhekk l-att ghandu jsir bl-gharfien specifiku li l-access mhux awtorizzat.

Illi harsa lejn il-provi mressqa, il-Qorti l-ewwel tinnota li fil-kamp kriminali huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat treggi legalment u dan ghaliex kif jghid <u>Manzini</u> fil-ktieb tieghu <u>Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890)</u>:

*"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat fil-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni

dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Fil-kaz odjern il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-mens rea mehtieg ghal dan ir-reat. Anzi jirrizulta mill-provi li l-access lanqas biss sar mill-imputat izda minn ibnu, Julian Cutajar. Dan gie ritenut mhux biss mill-imputat fl-istqarrija tieghu izda anki mill-parte civile stess li qalet li hija certa li kien binha Julian li accessa l-*facebook profile* taghha. Apparti minn hekk jirrizulta wkoll mill-istqarrija tal-imputat u anki mix-xhieda tal-Ispettur Roderick Spiteri, fejn kien qed jikkwota dak li qallu Julian Cutajar, illi l-imputat mhuwiex "*computer literate.*" Il-Qorti nnotat wkoll dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu fejn qal li huwa mhuwiex espert fil-kompjuter u kien propju ibnu li beda jurih x'sab. Leonard Cutajar qal ukoll li ibnu kien jidhol *facebook* ghax hu ma jafx juzah il-kompjuter. Apparti minn hekk qal li ibnu dahal fil-*facebook* ta' martu minghajr ebda *password*.

Illi mill-kontroezami tal-Ispettur Roderick Spiteri hareg ukoll li hemm incertezza dwar min huwa s-sid tal-kompjuter li intuza mill-parte civile fejn di fatti qal li ma rrizultalux ta' min kien il-

kompjuter. Qal ukoll li mill-informazzjoni li ghandu l-istess kompjuter kien accessibbli kemm ghall-parte civile u kemm ghat-tfal taghha.

Illi ghalhekk anki jekk ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jghid li l-imputat kien accessa huwa stess ghal dawn ic-*chats*, ma hemmx dubju li dan il-kompjuter li kien jinsab fid-dar matrimonjali kien jintuza mill-membri tal-familja Cutajar u ghalhekk l-access kien wiehed awtorizzat, b'mod partikolari jekk wiehed jikkunsidra li skont l-istqarrija tal-imputat il-*facebook* tal-parte civile kien miftuh u ma kien jehtieg l-ebda *password.*

Illi l-Qorti ghalhekk tqis li hemm mankanza tal-element mehtieg biex dan ir-reat jissussiti u ghaldaqstant mhijiex sejra tidhol f'kull paragrafu tal-ewwel akkuza stante li l-Qorti tqis li l-ebda wiehed mir-reati jissussisti.

Illi ghar-rigward it-tieni akkuza, il-Qorti taghmel riferenza dak pronunzjat mill-Qorti tal-Minorreni fil-kawza *Il-Pulizija vs Julian Cutajar* (moghtija fil-31 ta' Mejju 2017) fejn iben l-imputat gie addebitat bir-reat kontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9

tal-Ligijiet ta' Malta. F'din is-sentenza l-Qorti ghamlet distinzjoni bejn ir-reat ta' kalunja u r-reat ta' simulazzjoni fejn gie wkoll ikkowotat il-Professur Mamo li qal: *"This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged.... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender; otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."*

Illi fil-kaz odjern hareg car illi l-imputat kien ghamel rapport falz mal-Pulizija Ezekuttiva specifikament fuq l-ex mara tieghu, il-parte civile Caroline Cutajar. Gjaladarba l-imputat semma' persuna determinata r-reat ta' simulazzjoni certament ma jistax jirrizulta.

Illi t-tielet akkuza wkoll ma tirrizultax u dan ghaliex ma giet imressqa l-ebda prova konvincenti f'dan is-sens da parti tal-Prosekuzzjoni. In oltre l-parte civile lanqas biss esebiet il-kuntratt ta' separazzjoni personali taghha. Jirrizulta wkoll mill-

atti processwali, senjatament mix-xhieda tal-Ispettur Roderick Spiteri illi r-rapporti li wasslu ghall-proceduri odjerni saru wara li l-partijiet kienu sseparaw, u ghalhekk in-ness huwa mankanti sabiex jissussisti dan ir-reat.

Illi gjaladarba l-Qorti mhijiex ser issib htija, il-Qorti mhijiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-aggravju fir-raba' akkuza.

Illi ghal dawn il-motivi kollha l-Qorti ma ssibx lill-imputat Leonard Cutajar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**